

— ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE, peress li l-Kummissjoni awtorizzata skema ta' għajnuna li ma tosservax il-prinċipju ta' proporzjonalità, peress li t-taxxi li jiffinanzjaw l-iskema jinvolve distorsjoni serja tal-kompetizzjoni, fis-suq ta' akkwist tal-kontenut u f'dak tat-tele spettaturi downstream, li jmur kontra l-interess komuni.

— ksur tal-Artikoli 49 u 65 TFUE. Skont ir-rikorrenzi, il-Kummissjoni kisret dawn id-dispożizzjonijiet inkwantu l-metodu ta' finanzjament tal-għajnuna awtorizzata tirrestrinġi l-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital, billi tirrendi inqas attraenti l-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet mill-operaturi tat-televiżjoni bil-ħlas u minn investituri oħra stab-biliti fi Stati Membri oħra.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2010 — Organismos Kypriakis Galaktokomikis Viomichanias vs UASI — Garmo (HELLIM)

(Kawża T-534/10)

(2011/C 30/81)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenzi: Organismos Kypriakis Galaktokomikis Viomichanias (Lefkosia, Ċipru) (rappreżentanti: C. Milbradt u H. Van Volxem, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Garmo AG (Stuttgart, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenzi

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-20 ta' Settembru 2010, fil-Każ R 794/2010-4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Garmo AG

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "HELLIM" għal prodotti fil-klassi 29

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenzi

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark kollettiva "HALLOUMI" għal prodotti fil-klassi 29

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009⁽¹⁾, għaliex it-trade marks u l-prodotti inkwistjoni huma simili u teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks, kif ukoll ksur tal-Artikolu 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għaliex ir-rikorrenzi setgħet tistenna li tingħata l-opportunità li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-pożizzjoni meħuda mill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2010 — Organismos Kypriakis Galaktokomikis Viomichanias vs UASI — Garmo (GAZI Hellim)

(Kawża T-535/10)

(2011/C 30/82)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenzi: Organismos Kypriakis Galaktokomikis Viomichanias (Lefkosia, Ċipru) (rappreżentanti: C. Milbradt u H. Van Volxem, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Garmo AG (Stuttgart, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenzi

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Settembru 2010 fil-Każ R 1497/2009-4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant *għat-trade mark Komunitarja*: Garmo AG.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva “GAZI Hellim” għall-prodotti fil-klassi 29.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: trade mark verbali kollettiva “HALLOUMI” għal prodotti fil-klassi 29.

Deċizzjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda.

Deċizzjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ⁽¹⁾ peress li t-trade marks u l-prodotti inkwistjoni huma simili u billi teżisti probabbiltà ta’ konfużjoni bejn it-trade marks.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta’ Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (verżjoni kodifikata) (ĠU L 78, p. 1).

Rikors ippreżentat fit-23 ta’ Novembru 2010 — Kessel vs UASI — Janssen-Cilag (Premeno)

(Kawża T-536/10)

(2011/C 30/83)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Kessel Marketing & Vertriebs GmbH (Mörfelden-Walldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Bund, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Janssen-Cilag GmbH (Neuss, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċizzjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-21 ta’ Settembru 2010, fil-Każ R 708/2010-4;

— tikkundanna, skont l-Artikolu 87(2) u (5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, lill-UASI kif ukoll lill-intervenenti għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant *għat-trade mark Komunitarja*: ir-rikorrenti.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali “Premeno” għal prodotti fil-klassi 5.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Janssen-Cilag GmbH.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark verbali Ġermaniża “Pramino” għal prodotti fil-klassi 5.

Deċizzjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa.

Deċizzjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ⁽¹⁾, sa fejn ma tressqitx prova konklużiva tal-użu tat-trade mark invokata insostenn tal-oppożizzjoni; ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, sa fejn ma hemmx probabbiltà ta’ konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkritika l-fatt li ma ġietx aċċettata l-legalità tal-limitazzjoni tal-lista ta’ prodotti u ta’ servizzi.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta’ Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-26 ta’ Novembru 2010 — Adamowski vs UASI — Fagumit (FAGUMIT)

(Kawża T-537/10)

(2011/C 30/84)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ursula Adamowski (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. von Schultz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Fabryka Węży Gumowych i Tworzyw Sztucznych Fagumit Sp. z o.o. (Wolbrom, il-Polonja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċizzjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-3 ta’ Settembru 2010, fil-Każ R 1002/2009-1;

— tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità tat-trade mark Komunitarja Nru 3 005 980;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u quddiem il-Bord tal-Appell u għall-ispejjeż ta’ din il-proċedura.